MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2106/2002

**SMS Insurance Agency Limited bhala rappprezentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Hilda Micallef Hawkes**

**vs**

**Rita Carmen Borg Carbott u b'digriet tat-30 ta' April 2003 intervjeniet fil-kaawza in statu et terminis is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u erbghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm448.96) rapprezentanti danni rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh il-Fgura nhar it-30 ta' April 2001

meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura bin-numru IAN 396 habtet mal-vettura EAE 373 misjuqa minn Hilda Micallef Hawkes ghall-liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Oltre l-imsemmija danni l-konvenuta ghandha thallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Lulju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali.

Ra d-digriet tat-30 ta' April 2003 fejn intlaqghet it-talba tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited sabiex tintervjeni fil-kawza in statu et terminis.

Ra r-Risposta tas-socjeta' intervenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
Illi s-sewwieqa tal-vettura IAN 396, assikurata 'comprehensive' mal-eccipjenti nomine ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz stante li ghal din il-habta 'de quo' kienet tahti Hilda Micallef Hawkes li kienet qed issuq il-vettura EAE 373 b'imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
Isegwi li m'hemmx danni x'jigu likwidati kontra l-eccipjenti nomine jew l-assikurata taghhom.
Isegwi li la l-eccipjenti u lanqas  l-asssikurata taghhom ma jistghu qatt jigu kkundannati jhallsu ebda danni.

Ra r-Risposta prezentata mill-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
Illi l-konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz fuq citat stante li ghall-incident de quo kienet unikament responsabbli s-sewwieqa tal-vettura EAE 373 u dan minhabba negligenza da parti biss ta' din is-sewwieqa ta' EAE 373.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' Mark Asciak, Hilda Micallef u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' April 2001 fi Triq il-Liedna, Fgura bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAE 373 misjuqa minn Hilda Micallef Hawkes, l-assikurata tas-socjeta' attrici u l-vettura IAN 396 misjuqa mill-konvenuta. Hilda Micallef Hawkws xehdet li kienet qed tipprocedi fi Triq il-Liedna u li malli waslet biswit il-vettura tal-konvenuta, liema vettura kienet parkeggjata man-naha tax-xellug taghha, il-konvenuta fethet il-bieba taghha, u cioe' dik tas-sewwieq, u laqtet il-vettura ta' Micallef mal-gemb tax-xellug.. Il-konvenuta ssostni li l-bieba taghha kienet diga' miftuha meta ghaddiet il-vettura ta' Micallef u dan peress li hija kienet qed iggib il-handbag minn fuq is-sedil tal-passiggier. Il-konvenuta tghid li hija harset lura qabel ma fethwt il-bieba u ssostni li l-vettura ta' Micallef kienet gejja minn wara l-kantuniera u ma kienetx qed tipprocedi ghad-dritt fi Triq il-Liedna. Dejjem skond il-konvenuta, l-incident sehh ghaliex Micallef inhasdet minn trukk tas-soft drinks li kien parkeggjat man-naha l-ohra tat-triq u daqxejn sporgut il-barra.

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenuta li qabdet u fethet il-bieba biex b'hekk invadiet il-karreggjata ta' Hilda Micallef u dan minghajr ma zammet 'a proper lookout'. Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni moghtija mill-konvenuta m'hijiex kredibbli. Hija fil-fatt tghid li ma ratx il-vettura tal-assikurata tas-socjeta' attrici qabel l-impatt izda mbaghad fl-istess nifs tghid li l-vettura ta' Micallef ma kienitx qed tipprocedi fi Triq il-Liedna izda daret il-kantuniera ghal gewwa Triq il-Liedna. It-Tribunal ma jistghax jifhem kif il-konvenuta setghat taf minn fejn kienet gejja l-vettura ta' Micallef meta hija tghid li rat lil din il-vettura biss wara l-impatt. Il-verzjoni ta' kif sehh l-incident moghtija minn Hilda Micallef Hawkes hija ferm aktar verosimili u inoltre hija korroborata kemm mill-posizzjoni tal-vettura taghha kif indikata fl-iskizz kif ukoll mill-hsarat fiz-zewg vetturi.. Fl-iskizz il-vettura misjuqa minn Micallef hija angolata minn quddiem lejn il-lemin; dan ifisser li hija nhasdet malli l-konvenuta fethet il-bieba tal-vettura taghha u pruvat tevita l-habta billi kisret lejn il-

lemin. Inoltre jrid jinghad li anki keiku kellha tiwemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenuta, hija xorta kienet titqies responsabbli ghall-incident ghaliex sewwieq prudenti u diligenti ma jhalliex il-bieba miftuha aktar milli huwa strettament necessarju fi triq fejn il-parti karreggjabbli hija limitata ghal vettura wahda biss ghaliex b'hekk ikun qed joatakola inutilment il-parti karreggjabbli tat-triq ghas-sewwieqa li jkunu qed jiprrocedu fiha.

Il-quantum tad-danni reklamati mis-socjeta' attrici bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenuta jew mis-socjeta' kjamata in kawza u fi kwalunkwe kaz gew esebiti l-ircevuti relattiiivi u l-hsara tidher li hija perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident  de quo.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u erbghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm448.96), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Lulju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwlament mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta ai termini tal-Kap. 104, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------